# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 518**

**It-Tlieta 12 ta' Novembru, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.18 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Angelo Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**518.1Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

518.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Ghislaine Bongailas tkun skużata.

518.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri tkun skużata.

**518.2 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

518.2.1 Is-Sindku qal illi kien sejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex jiġu diskussi applikazzjonijiet li kienu tressqu quddiem l-Awotorità tal-Ippjanar.

518.2.2 Fis-6.20 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Vella u s-Sur Angelo Scicluna daħlu għal-laqgħa.

- **PA 07911/19**

518.2.3 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni numru PA/07911/19 u qal illi kien qed jiġi propost twaqqiegħ ta' bini eżistenti fi Triq is-Santwarju Sqaq Nru 4 u minflok isir żvilupp ta' *Boutique Hotel* ta' tlettax-il kamra b'faċilitajiet ancillari.

518.2.4 Is-Sindku ressaq talba li kien irċieva mingħand resident sabiex il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar minħabba problema ta' nuqqas ta' parkeġġ li dan l-iżvilupp ser iġib miegħu peress illi l-iżviluppatur ma kienx qed jipprovdi spazju ta' parkeġġ għall-vetturi.

518.2.5 Is-Sur Mark Grech qal illi kien konxju mill-problema ta' parkeġġ pero kien jaqbel mal-iżvilupp ta' *Boutique Hotel* fiċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Grech qal ukoll li l-Kunsill m'għandux joġġezzjona għal dan il-proġett għax il-*Boutique Hotel* kienet ser iġġib turiżmu fil-lokalità li jwassal għal aktar negozju f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Grech talab sabiex il-Kunsill ikun krejattiv u minflok joġġezzjona għal dan il-proġett joħroġ bi proposti għall-bini ta' parkeġġ jew parkeġġi f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Grech kompla jgħid li min kien ser iżur il-*Boutique Hotel* mhux bilfors kien ser juża vettura.

518.2.6 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi huwa kien jaqbel mal-iżvilupp ta' *Boutique Hotel* iżda dan l-iżvilupp kien ser iżid iżjed attività u joħloq nuqqas ta' spazji għall-parkeġġ. Is-Sur Buttigieg qal illi minbarra l-vetturi tat-turisti kienu ser jiżdiedu wkoll il-vetturi tal-impjegati tal-*Boutique Hotel*. Is-Sur Buttigieg talab li ssir laqgħa mal-investitur sabiex tiġi diskussa l-possibilità li jitħaffer parkeġġ taħt l-art.

518.2.7 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li hija kienet taqbel mal-iżvilupp ta' *Boutique Hotel* peress illi dan l-investiment kien ser isaħħaħ l-ekonomija.

518.2.8 Is-Sur Joseph Agius qal illi huwa wkoll kien jaqbel ma' dan l-iżvilupp u l-Kunsill m'għandux joġġezzjona għal dan il-proġett. Dan peress illi l-*Boutique Hotel* kien ser ikun fih 13-il kamra biss.

518.2.9 Il-Viċi Sindku qalet li wara li tkun daħlet l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, il-każ jgħaddi f'idejn il-*case officer* li jrid janalizza l-applikazzjoni. Il-Viċi Sindku żiedet tgħid li l-Kunsill għandu jħalli f'idejn l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jagħmlu valutazzjoni fuq l-impatt ambjentali. Il-Viċi Sindku qalet ukoll illi f'Ħaż-Żabbar hemm bżonn riġenerazzjoni sabiex jiġi attirat it-turiżmu.

518.2.10 Is-Sur Mark Grech qal illi l-iżvilupp propost qiegħed f'żona ta' żvilupp u ser isir minflok bini abbandunat.

518.2.11 Is-Sur Angelo Scicluna qal illi filwaqt li jaqbel mal-proġett propost il-Kunsill irid jikkunsidra soluzzjonijiet li joħolqu spazju ġdid ta' parkeġġ.

518.2.12 Is-Sur Joseph Vella qal illi huwa wkoll kien qed jaqbel ma' dak kollu li kien qed jintqal u żied jgħid li fiċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar diġa hemm problema ta' parkeġġ u l-iżvilupp ta' *Boutique Hotel* kien ser ikompli jżid din il-problema. Is-Sur Vella ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jitlob lill-Ministeru għat-Transport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali sabiex fl-ex venda fi Triq is-Santwarju isir parkeġġ taħt l-art.

518.2.13 Is-Sindku qal illi kulħadd kien qed jaqbel ma' dan l-investiment iżda biex jitlob lill-Awtorità tal-Ippjanar tikkonsidra l-problema ta' parkeġġ, il-Kunsill irid iressaq oġġezzjoni għal dan il-proġett.

518.2.14 Is-Sur Mark Grech staqsa lis-Sindku x'kien qed jissuġġerixxi.

518.2.15 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-iżviluppatur tal-*Boutique Hotel* sabiex jagħmel emendi fil-pjanti eżistenti u jinkludi t-tħaffir ta' garaxxijiet taħt l-art.

518.2.16 Il-Viċi Sindku qalet li l-Kunsill għandu jħalli f'idejn l-Awtorità tal-Ippjanar biex tiddeċiedi jekk hemmx problema ta' parkeġġ.

518.2.17 Is-Sindku spjega li l-iżviluppaturi jridu jħallsu tariffi lill-Awtorità tal-Ippjanar f'każ li ma jkunux jistgħu jipprovdu biżżejjed parkeġġi għall-vetturi skont l-entità tal-binja. Is-Sindku żied jgħid li dawn il-fondi huma disponibbli għall-Kunsill sabiex isir xogħol ta' titjib u tisbieħ f'żoni urbani .

518.2.18 Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-investitur jagħmel *bicycle rack* kif ukoll kampanja favur it-trasport pubbliku.

518.2.19 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ma joġġezzjonax għall-applikazzjoni numru PA/07911/19.

- **PC 0076/19**

518.2.20 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni numru PC/0076/19 dwar razzjonalizzazzjoni tal-art fi Triq il-Kaħwiela u qal illi l-Kunsill m'għandux biżżejjed informazzjoni dwar din l-applikazzjoni. Is-Sindku żied jgħid li din l-art qiegħda fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ).

- **PA 1973/19**

518.2.21 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni numru PA/1973/19 dwar twaqqigħ parzjali tal-bini eżistenti u estensjoni tal-istess bini fi Triq il-Kappuċċini fuq art fiż-żona barra l-iżvilupp. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi dwar din l-applikazzjoni l-Awtorità tal-Ippjanar kienet diġa ħadet deċiżjoni iżda kien ġie ntavolat appell lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Is-Sindku spjega li jekk il-Kunsill jixtieq jagħmel appell irid iħallas tariffa ta' madwar €200. Is-Sindku żied jgħid li l-ERA kienet oġġezzjonat għal dan il-permess.

518.2.22 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza li kienet bagħtet permezz tal-*email* dwar din l-applikazzjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lill-Kunsillieri preżenti li f'każ li xi ħadd minnhom ikun irid jattendi bħala rappreżentant tal-Kunsill u jkun parti fil-kors ta' smiegħ tal-appell, dan għandu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv minnufih peress illi tali nteress għandu jiġi rreġistrat fl-uffiċċju amministrattiv tat-tribunal fi żmien ħamest (5) ijiem minn mindu l-Kunsill jirċievi l-ittra.

518.2.23 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi jekk il-Kunsill ma jappellax għal dan l-appell il-Kunsill ser jidher li qed jappoġġa din l-applikazzjoni.

518.2.24 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jħalli f'idejn l-Awtorità tal-Ippjanar.

518.2.25 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-519 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru, 2019.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku